


Rapport Annwali
2013



BERS
Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Rapport Annwali
2013



BERS
Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Werrej

Kelmtejn qabel.....	4
Sommarju eżekuttiv	5

Kelmtejn qabel



Mario Draghi
President tal-Bord Ewropew dwar
ir-Riskju Sistemiku

Għandi l-pjaċir nippreżenta t-tielet Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) li twaqqaf fl-2010 bħala korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea biex jieħu f'idejha is-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jiġbor fih il-perjodu bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Marzu 2014.

Fit-tielet sena tal-attività tiegħu, il-BERS ħadem bis-sod biex isostni t-twaqqif ta' qafas ġdid tal-politika makroprudenzjali għall-Ewropa. Il-BERS mhux biss żviluppa linji gwida għall-awtoritajiet makroprudenzjali dwar kif jużaw l-istrumenti makroprudenzjali introdotti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll stabbilixxa kunċetti u għodod analitiċi oħra għall-identifikazzjoni ta' theddidiet sistemiċi. B'mod partikolari, il-BERS wessa' l-ambitu tal-attivitàjiet analitiċi tiegħu lil hinn mill-

banek biex jinkludu s-settur tal-assigurazzjoni, is-sistema bankarja parallela (*shadow banking*) u l-infrastrutturi finanzjarji. Aktar taġġir dwar il-BERS u l-attivitàjiet tiegħu jinsabu fil-websajt tal-BERS.

Ir-rapport tħejja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-BERS u jien se jkolli l-privileġġ nippreżentah lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiki u Monetarji tal-Parlament Ewropew fil-kompożizzjoni ġdida tiegħu wara l-elezzjonijiet parlamentari Ewropej reċenti.

Frankfurt am Main, Lulju 2014

A handwritten signature of Mario Draghi in blue ink. The signature is cursive and reads 'Mario Draghi'.

Mario Draghi
President tal-BERS

Sommarju eżekuttiv

Matul l-2013, it-tielet sena tal-operat tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), il-BERS kompla jissorvelja l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-isfond ta' rkupru ekonomiku dgħajef u irregolari. Il-livell tad-dejn pubbliku u privat baqa' għoli u kompla jsostni ambjent atipiku għal ħafna setturi tal-ekonomija. Matul is-sena kien hemm titjib gradwali u mifruż fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament għas-settur bankarju, minkejja kundizzjonijiet makroekonomiċi ibsin. Ġew identifikati xi rqajja' vulnerabbli, bħal f'ċerti swieq immobiljari nazzjonali. Kollox ma' kollox, l-iżviluppi f'bosta kategoriji ta' assi taw sehemhom biex itejbu l-kundizzjonijiet fis-settur finanzjarju. Għall-biċċa l-kbira tal-perjodu analizzat, it-tħassib tas-swieq kien ikkonċentrat fuq l-impatt aktar wiesa' li seta' jkollu t-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-politika monetarja globali u/jew il-possibbiltà ta' taqliba f'daqqa fis-sentiment tas-swieq.

Fuq in-naħa strutturali, ir-riformi regolatorji u t-tħejjijiet għat-testijiet tal-istress li kienu se jibdeu isiru esiġew żidiet fil-kapital tal-banek sabiex ikomplu jissaħħu. Barra dan, sar qbil fuq għadd ta' emendi leġislattivi oħra, fosthom dwar il-banek (il-MSU u BRRD), l-assigurazzjoni (Omnibus II) u s-swieq finanzjarji (MiFiD u MiFiR) li affettwaw l-ambitu tal-attività tal-BERS. Il-BERS kompla bil-ħidma tiegħu fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-kontropartijiet ċentrali, żewġ oqsma li diġà kien irrikonoxxa bħala li kellhom iżidu fl-importanza tagħhom għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Fis-settur tal-assigurazzjoni, il-punti fokali tal-attivitajiet ta' sorveljanza u evalwazzjoni tal-BERS kienu l-impatt tal-ambjent ta' renditi baxxi u l-implikazzjonijiet iktar immedjati tad-Direttiva Solvenza II.

Sabiex jevita u/jew itaffi t-theddiet sistemiċi, il-BERS jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet jew twissijiet. F'April 2013 il-BERS ħareġ ir-Rakkomandazzjoni BERS/2013/1 dwar l-għanijiet u l-istrumenti intermedji tal-politika makroprudenzjali biex ikompli jiżviluppa l-qafas makroprudenzjali. Il-ħidma tal-BERS hija ggwidata minn ħames għanijiet intermedji. Dawn jiġbru fihom il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi li jistgħu jiġu minn: i) żieda eċċessiva fil-kreditu u *leverage*; ii) diskrepanza eċċessiva fil-maturità u illikwidità tas-swieq; iii) konċentrazzjonijiet ta' skoperturi diretti u indiretti; iv) inċentivi ħżiena bil-ħsieb li jonqos il-periklu morali; u v) infrastrutturi finanzjarji.

Matul is-sena ġew allokati riżorsi importanti tal-BERS għall-ħidma fuq l-operattività tal-istrumenti makroprudenzjali prevista mid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD) u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRR). L-għan ta' din il-ħidma jinqasam fi tnejn: l-ewwel, biex jiġu rfinuti l-kriterji u l-prinċipji għall-użu ta' strumenti individwali mill-awtoritajiet u, it-tieni, biex ikompli jiġi żviluppat is-sett ta' strumenti u jitwessa' l-ambitu tiegħu. F'Marzu 2014 il-BERS xandar il-prinċipji tiegħu għall-użu ta' strumenti makroprudenzjali ġodda fir-Rapport ewlieni dwar il-politika makroprudenzjali fis-settur bankarju (*Flagship Report on Macro-prudential Policy in the Banking Sector*) u fil-Manwal dwar ir-rendiment tal-operat tal-politika monetarja fis-settur bankarju (*Handbook on Operationalising Macro-prudential Policy in the Banking Sector*). Barra dan, il-BERS stabbilixxa qafas proċedurali għall-ħruġ ta' opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-użu ta' ċerti strumenti makroprudenzjali skont is-CRD/CRR. Barra minn hekk, bosta Stati Membri ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jutilizzaw dawn l-istrumenti makroprudenzjali.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni dwar is-self f' munita barranija u r-rakkomandazzjoni dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali, li kienu ħarġu preċedentement mill-BERS, ġiet evalwata skont il-Manwal dwar is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS (*Handbook on the follow-up to ESRB recommendations*) li xxandar f' Lulju 2013. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni wrew livell għoli ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet min-naħa tad-destinatarji.

Bħalissa qiegħed isir ir-rieżami tal-BERS, kif mitlub mill-Artikolu 20 tar-Regolament dwar il-BERS.

© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Indirizz

Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Telefon

+49 69 1344 0

Websajt

<http://www.esrb.europa.eu>

Fax

+49 69 1344 6000

Il-jeddijiet kollha miżmuma.

Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża fir-rapport kienet it-13 ta' Ġunju 2014.

It-traduzzjoni tar-Rapport Annwali 2013 tal-BERS bil-Malti tiġbor fiha biss il-Kelmtejn Qabel u s-Sommarju Eżekuttiv. Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ara l-verżjoni sħiħa bl-Ingliż li tinsab fil-websajt tal-BERS (<http://www.esrb.europa.eu>).

ISBN 978-92-899-1381-2 (onlajn)

ISSN 1977-5601 (onlajn)

Numru tal-katalgu tal-UE DT-AB-14-002-MT-N

